TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 18/2025**

Data: It-Tnejn, 20 t' Ottubru 2025

Ħin: 19:00

Bdiet: 19:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Viċi Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

**18.1 Ittri ta' apoloġija**

18.1.1 Is-Sindku semma li s-Sur Glenn Urry u s-Sur Neil Portelli talbu li jkunu skużati. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill qabel li jitniżlu skużati.

**18.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 18**

18.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.18 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**18.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 16**

18.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia u s-Sur Dasier Damato ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-26 ta' Settembru 2025 u l-20 t' Ottubru 2025 li kienet tammonta għal €51,607.30.

**18.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena 2025**

18.4.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Darlene Vella u wara li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat ħarsa lejn ir-rapport, il-Kunsill approva r-rapport hekk kif preżentat.

**18.5 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 18**

| | |
|---|---|
| **18.5.1 Ground 5-a-side** | Is-Sindku semma li l-grawnd beda jinfetaħ kif ukoll bdew deħlin kirjiet skond il-bye-law. Semma wkoll li l-access control ser tkun installata fil-ġimgħat li ġejjin. |

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

**18.5.2 Rivista Kunsill Lokali Tarxien**

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li r-rivista ser tkun qed toħroġ lejn nofs Novembru. Dan sabex tinkludi l-attivitajiet kollha sal-Milied. Semmiet li hemm żoni li mhux jirċievu r-rivista imqassma mill-MaltaPost. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed tinforma lil MaltaPost b' dan l-ilment.

Is-Sindku semma li għall-Mixgħela taċ-Ċimiterju kien ser isir flyer separat u li kien ser jitqassam mill-ħaddiema tal-kunsill.

**18.5.3 Framework Agreement – Public Works Department**

Is-Sindku semma li l-proġett ma bediex f'Ottubru kif kien maqbul li jibda. Dan għaliex jidher li kien hemm xi problem bejn min ser jiffirma għax-xogħolijiet. Dan peress li l-Public works riedu li l-kuntrattur tal-Kunsill jiffirma għall-implimentazzjoni u l-kejl tal-proġett meta l-kuntrattur huwa mqabbad mill-Public Works.

Is-Sindku talab sabiex terġgħa tintbagħat komunikazzjoni lill-Perit tal-Public Works.

**18.5.4 Statwa ġewwa Vjal Simmons**

Is-Sindku semma li din kienet inxtrat u kienet ser tiġi nstallata.

TARXIEN
Local Council

**18.5.5 Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi**

Is-Sindku semma li z-Zumba kienet reġgħet bdiet u li bdiet issir fis-sala tal-Komunita'. Is-Sur Dasier Damato semma li huwa kien qed ifittex sala ikbar fejn setgħet issir. Semma li peress li anki ser tidħol spiża ta' renta ta' sala, wieħed għandu jiġbor il-ħlas bil-quddiem. Fejn sessjoni waħda tħun għall-prezz ta' €3.50 u 5 sessjonijiet għall-prezz ta' €10. Semma li għandha tibda sistema ġdida minn Jannar 2026.

**18.5.6 Kurunell Mass**

Is-Sindku semma li ħafna mix-xogħol kien sar. Tlesta wkoll t-travertin mas-salib u kien qed isir id-dawl mas-siġar u l-bdil tal-bandli. Semma li dan għandu jkun lest sal-aħħar tax-xahar.

**18.5.7 Ismijiet ta' toroq**

Is-Sindku semma li l-Kummissjoni tal-ismijiet ta' toroq kienet laqgħet it-talba tal-Kunsill u li kienet qed taħdem sabiex tara kif l-aħjar isir il-bdil minħabba numerazzjoni tal-bibien madwar il-pjazza.
Is-Sindku propona li għandha ssir irħama kommemorattiva ta' Renzo Gauci fejn ser tkun qed tissemma t-triq għalih. Kien hemm approvazzjoni unanima għal din il-proposta.

**18.5.8 Intervisti għal Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku semma li s-sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ħarġet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Semma li wieħed issa jistenna struzzjonijiet ta' min applika u kif jistgħu jsiru l-intervisti.

TARXIEN
Local Council

**18.5.9 Pjazza**

Is-Sindku semma li wara żjara anki mal-Ministru responsabbli mill-proġett li saret fuq il-post, kien diskuss li l-parti li minnha ser jgħaddu l-karozzi għandha ssir bit-tarmak peress li l-pavimentar mhux materjali ideali li jkun espost għal traffiku jew li minn fuq jgħaddu vetturi kbar bħal tal-linja jew trakkijiet li jġibu x-xogħol il-ħwienet li hemm fil-viċin.

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li wieħed għandu jieħu din id-deċiżjoni jew mod ieħor skond dak li ser jirriżulta mill-management plan li jrid isir u li jkun approvat. Dan minħabba li jista' jkun li tal-linja ma tibqax tgħaddi minħabba l-użu ta' shuttle service.

**18.5.20 Vjal Kulħadd**

Is-Sindku semma li l-laqgħa ta' konsultazzjoni ta' Vjal Kulħadd kienet għada ma saritx imma kien ser jara li ssir mill-aktar fiss possibbli.

**18.5.21 Proġett LESA**

Is-Sindku semma li dan il-proġett mistenni jibda s-sena d-dieħla. Semma li huwa nnotifika lil LESA imma ser tintbagħat ukoll komunikazzjoni uffiċjali.

TARXIEN
Local Council

**18.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.6.1 Is-Sindku semma li nhar id-29 ta' Novembru 2026 ser issir il-Mixgħela tal-Milied. Semma li ser ikun hemm kantanti li kienu nagħtaw depożitu waqt Festa Ħelu tas-sena 2024 u li kienet tħassret minħabba l-maltemp. Fost dawn il-kantanti ser ikun hemm Glenn u Amber kif ukoll Kantera. Is-Sindku semma li l-għaqdiet ser jarmaw bl-istands tal-ikel u jekk kemm-il darba jkun maltemp din l-attivita' tkun ikkanċellata. Semma wkoll li għal din l-attivita' l-Kunsill ser ikun qed jibbenifka minn fondi tal-SPI għall-attivitajiet tal-Milied. Semma wkoll li parti mill-fondi ser jintużaw sabiex issir il-parata ta' tfal bis-sehem tal-iskejjel Primarji kemm ta' Ħal Tarxien kif ukoll ta' Paola. L-attivita' Barnuża Ħamra f'Ħal Ħarxien ser issir għall-ewwel darba nhar 19 ta' Diċembru filgħodu.

18.6.2 Is-Sindku semma li nhar il-Ħadd, 2 ta' Novembru 2025 ser tkun qed terġgħa issir il-Mixgħela taċ-Ċimiterju kif ukoll jinfetħu t-Tempji Neolitiċi. Is-Sindku talab lil dawk preżenti li jistgħu jgħinu fil-Mixgħela sabiex fit-3pm jkunu fuq il-post.

18.6.3 Is-Sindku semma li l-kwotazzjonijiet għall-access control kienu nġabru u li din kienet ser tkun installata mal-premises tal-grawnd.

18.6.4 Is-Sur Dasier Damato semma li l-kwistjoni tiegħu personali li xtaq jikkjarifika waqt l-aħħar laqgħa issa kienet riżolta.

18.6.5 Is-Sindku semma li t-taħriġ tal-Fire Fighting kien ser ikun organizzat mill-Kunsill nhar 25 ta' Novembru 2025.

18.6.6 Is-Sindku semma li kien innotifikat mis-Sa. Darlene Vella li l-attivita' tal-Qaddisin kollha organizzata minn Children Liturgy Team kienet ġiet ikkanċellata.

18.6.7 Is-Sindku semma li nhar il-5 ta' Diċembru permezz tal-fondi li l-Kunsill irċieva għall-attivitajiet kulturali kienet ser tinbidel il-proposta sabiex ikun jista' jsir kunċert mill-banda tal-Pulizija ġewwa l-Knisja. Semma li dan kien ser jingħata fond ta' madwar €12,000 minn skema tal-SPI għall-attivitajiet kulturali u għaldaqstant dawn l-ispejjeż kienu ser ikunu kollha koperti. Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li dan il-kunċert ikun jagħmel sens peress li ser issir fil-knisja li jkun taħt il-patronċinju ta' persuna distinta. Semma li waqt l-attivita' ser ikunu qed jingħataw 10 tokens ta' apprezzament lil 10 persuni li l-Kunsill ser jinnomina li taw kontribut fil-komunita'. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni ta' din il-bidla fl-iskema li oriġinarjament kienet ser tkun attivita' bis-sehem tal-baned u li issa kienet ser issir l-attivita' *O Noctis Silenti*. Fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil unanimu li wieħed għandu jitlob għall-approvazzjoni tad-Diviżjoni sabiex tkun tista' tiġi kkomunikata din il-bidla.

18.6.8 Is-Sindku semma li nhar 18 ta' Diċembru ser isir il-festin tal-Milied lill-anzjani. Dan ser issir fis-sala tal-Każin u ser ikun hemm l-għajnuna tal-helpers.

18.6.9 Is-Sa. Darlene Vella u s-Sur Dasier Damato semmew li għad m' hemmx data għall-Festin tal-Milied ta' tfal imma x' aktarx li dan jiġi organizzat jew fit-8 ta' Diċembru jew fit-13 ta' Diċembru.

18.6.10 Is-Sindku semma li l-Kunsill għad għandu l-problema ta' dawl biex tinxtegħel iz-zebra crossing fi Triq Sqajjaq. Semma li l-problema ġejja peress li l-Enemalta ma tħallikx taqsam it-triq b'wire imdendel u r-residenti tan-naħa opposta ma jridux li jkollhom kaxxa tal-Enemalta mal-faċċata. Is-Sindku semma li l-kwotazzjoni tal-Belisha Lights miġbura kienu wisq għoljin u saħansitra laħqu mal-€10,000. Semma li ser ikun qed ikompli jara kif ser issib soluzzjoni.

TARXIEN
Local Council

18.6.11 Is-Sindku semma li l-Kunsill intalab minn kumpanja tal-films għall-permessi ta' no parking sabiex isir filming ġewwa Palazzo Abela. Semma li l-ammont ta' parkeġġi mitluba kienu jammontaw għal madwar 20 parkeġġ li kienu ser jokkupaw it-toroq matul il-lejl ukoll. Kien hemm qbil unanimu li jiġi kkomunikat magħhom li ma jistgħux joħorġu tabelli ta' no parking oltre minn bejn 9am u 17:00 filwaqt li l-ammont ta' parkeġġi mitluba ma jistax jingħata għaliex ser ikun ta' inkonvenjent kbir għar-residenti kif ukoll għat-traffiku minħabba li fil-viċin qed tinqala' l-pjazza.

18.6.12 Is-Sur Dasier Damato semma li l-laqgħa tal-Kunsill ta' tfal tħassret u din dejjem qed tkun ikkanċellata biss ftit minuti qabel. Semma li huwa ser ikun qed jitlob laqgħa ma' The Malta Foundation for Social Wellbeing sabiex wieħed isib triq 'il quddiem kif dawn il-laqgħat jistgħu jkunu ta' suċċess u produttivi.

18.6.13 Is-Sindku semma li l-Kunsill ġie mitlub biex iġedded il-kuntratt tal-iskema tal-permessi. Semma li din kienet ser tiswa madwar €3,000 fis-sena. Semma li anki għall-benefiċju tar-residenti li draw is-sistema l-Kunsill ser ikun qed iħallas sabiex tiġi mġedda.

**18.7 Aġġornament**

18.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2025 fis-19:00 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**